MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2014

Numru. 357/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Mohamed Edriss Magdoub**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **Mohamed Edriss Magdoub** ta' 18 sena iben Mohammed u Esya Abed Kader imwieled it-Tunezija nhar il- 25 ta' Ottubru 1995 u joqghod Open Centre Hal Far u detentur tan-numru tal-Pulizija bi numru: 13V-146 u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bi numru 9000687A gie mressaq quddiemha u akkuzat :

**Talli f'dawn il-Gzejjer nhar is- 07 ta' Awissu 2014 u fl-ghaxar xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis***

**kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali netta tieghu u l-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikolu (8) (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat **Mohamed Edriss Magdoub** hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi **zmien sena mil-lum**.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

Finalment, tordna d-distruzzjoni tad-droga esibita bhala **Dok NS 6** u ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b’dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum mil-lum.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qieghdha tordna komunika ta’ din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------